# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' April 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 95/2016 BS**

**Rosie Buttigieg**

**-vs-**

**Saviour Buttigieg; Joseph Buttigieg; Michael Buttigieg; Carmen Mackenzie; Doris Dryden; Mary Ann Camilleri u r-Reġistratur tal-Artijiet; u b'digriet tat-23 ta' Novembru 2016 l-Avukat Dottor Deborah Mercieca ġiet nominata bħala kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-imsefrin Carmen Mackenzie u Doris Dryden; u b'nota tat-30 ta' Diċembru 2016, l-istess konvenut Joseph Buttigieg assuma l-atti ta' din il-kawża f'isem ħutu l-imsefrin Carmen Mackenzie, Doris Dryden u Mary Ann Camilleri, u dana minflok l-Avukat Dottor Deborah Mercieca; u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2020, ġie kjamat fil-kawża r-Reġistratur tal-Artijiet**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi[1] illi ppremettiet:**

(i) ILLI l-attriċi hija propjertarja ta' porzjoni art magħrufa bħala 'Ta' Qurdaxx', sive 'Tal-Hanaq', fil-limiti tal-Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka mitejn u sitta u sebgħin punt deċimali tlieta tnejn metri kwadri (276.32m.k.), konfinanti min-nofsinhar ma' Triq tas-Simar, mil-lvant ma' beni ta' Pawla Meilak jew is-suċċessuri fit-titolu, u punent ma' beni tal-werrieta ta' Salvu Buttigieg, jew irjieħ verjuri, kif murija aħjar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata Dokument 'A';

(ii) ILLI din l-imsemmija propjetà kienet ġiet akkwistata minn missier l-attriċi ( illum mejjet) bil-modi segwenti: il-kwota ta' terz (1/3) indiviż minnha kien ilu fil-pussess kontinwu mhux miksur, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku tiegħu għal perjodu li llum il-ġurnata jeċċedi ferm l-aħħar erbgħin (40) sena, il-kwota ta' terz (1/3) ieħor indiviż kienet ġiet akkwistata permezz ta' kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Grima tal-erbatax ta' Jannar tas-sena elfejn (14.01.2000), u l-kwota tar-rimanenti terz (1/3) indiviż kien akkwistat mill-wirt u s-suċċessjoni tan-nannu patern tal-attriċi, Saviour Buttigieg, illi miet fis-sittax ta' Frar tas-sena elf, disa' mija u disgħa u tmenin (16.02.1989). Dan kif ser jiġi ppruvat aħjar tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża;

(iii) Illil-konvenuti [sic] f'din il-kawża qatt ma kellhom l-ebda titolu validu, pussess jew detenzjoni legali fuq il-porzjoni art in kwistjoni;

(iv) ILLI nonostante dan, ġie riċentement a konoxxenza tal-attriċi illi l-intimati rreġistraw parti mill-imsemmija porzjon art mar-Reġistru tal-Artijiet;

(v) ILLi tali reġistrazzjoni saret bi frodi, b'mod illegali u abbużiv, u fi kwalunkwe każ hija suġġetta għall-interessi illi jipprevalu a favur tad-drittijiet tal-attriċi fuq l-istess propjetà, kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 2 – inkluz in retro pagina - b'dokument a fol 3.

(vi) ILLI l-konvenuti ġew interpellati għal diversi drabi, iżda dejjem baqgħu inadempjenti, u allura kellha ssir din il-kawża;

(vii) ILLI l-attriċi għandha konoxxenza vera u propja tal-fatti illi taw lok għal din il-kawża.

**Talbet ghalhekk lill din il-Qorti:**

(i) Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-porzjon art mertu ta' din il-kawża hija proprjetà tal-attriċi Rosie Buttigieg;

(ii) Tiddeċiedi u tiddikjara illi r-reġistrazzjoni relattiva, illi saret fir-rigward ta' parti mill-istess porzjon art mar-Reġistru tal-Artijiet hija waħda abbużiva u illegali;

(iii) Konsegwentement tikkundanna lill-intimati sabiex jirtiraw ir-reġistrazzjoni magħmula minnhom mar-Reġistru tal-Artijiet in konnessjoni mal-istess art;

(iv) Tinnomina kuraturi fl-eventwalità li l-konvenuti jonqsu milli jersqu għal dan;

(v) Tordna lir-Reġistratur iwettaq l-emendi kollha neċessarji, inkluż il-kanċellament tar-reġistraazzjoni illi saret mill-konvenuti fuq l-art in kwistjoni sabiex tali parti ma tibqax reġistrata fuq il-konvenuti, iżda tiġi unikament f'isem l-attriċi.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali, kontra l-konvenuti li qed jiġu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Deborah Mercieca bħala kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-imsefrin Carmen Mackenzie u Doris Dryden[2] illi eċċepiet:**

i. ILLI l-esponenti mhix edotta mill-fatti li taw lok għal din il-kawża u għaldaqstant ma hijiex f'posizzjoni [sic] li tissolleva l-eċċezzjonijiet kollha applikabbli skond [sic] il-Liġi. Difatti fil-

[2] Risposta guramentata a fol 16 u 17.

preżenti hija ma għandha l-ebda indirizz li jippermettilha tagħmel kuntatt ma['] Carmen Mackenzie u Doris Dryden. Għalhekk l-esponenti nomine q[i]egħda tirriserva illi tippreżenta risposta ġuramentata ulterjuri u meta hija tkun fil-pussess tal-informazzjoni kollha mertu tal-każ. Però għal kull buon fini hija q[i]egħda minn issa tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti;

ii. SALVI u impreġudikati eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Saviour Buttigieg, Michael Buttigieg u Joseph Buttigieg kemm f'ismu proprju kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza ta' ħutu msefrin Carmen Mackenzie; Doris Dryden u Mary Ann Camilleri[3] illi eċċepew:**

ILLI t-talba attriċi hija kompletament u totalment infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha għalhekk tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi, u dan għas-segwenti raġunijiet:-

1. ILLI fl-ewwel lok l-attriċi għandha tipprova t-titolu vantat minnha fuq dik il-porzjon art illi ġiet reġistrata mill-eċċipjenti u li l-istess attriċi qed tintenta tirrivendika a favur tagħha. Wara kollox l-*actio rei vendicatoria* illi qed tintenta teżerċita l-attriċi tippresupponi t-titolu tal-proprjeta *de quo*; u f'każ illi dan it-titolu fl-attriċi ma jiġix pruvat allura din l-proċedura tkun destinata illi tfalli;

2. ILLI fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju tal-premess, il-porzjon art illi l-eċċipjenti rreġistraw fuq isimhom kienet u għadha fil-pussess esklussiv tagħhom;

3. ILLI fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju in kwantu t-talbiet attriċi jirrieferu għal xi porzjon art li ma ġietx reġistrata minnhom, u dana stante li huma m'humiex il-leġittimi kontradittturi f'dan ir-rigward;

4. ILLI mbagħad u b'referenza għal kull paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-eċċipjenti jissottomettu s-segwenti:

[3] Risposta guramentata a fol 19 sa 20.

a) Illi b'referenza għall-ewwel paragrafu, l-esponenti jissottomettu illi t-titolu vantat mill-attriċi fuq l-art illi ġiet reġistrata mill-eċċipjenti huwa neboluż għall-aħħar u fil-fatt ma jissustixxix;

b) Illi l-eċċipjenti m'humiex f'pożizzjoni illi jikkonfermaw il-kontenut tat-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat in kwantu dan jitkellem dwar dawk il-partijiet indiviżi illi ġew akkwistati b'kuntratt fis-sena 2000 u mis-suċċessjoni ta' Saviour Buttigieg. Il-kumplament ta' dan il-paragrafu huwa infondat fil-fatt u fid-dritt;

c) Illi t-tielet u l-ħames paragrafi tar-rikors ġuramentat huma infondati għar-raġunijiet illi ser jirriżultaw fil-mori ta' din il-proċedura;

5. SALVI eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt permessi mil-Liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi, u bl-inġunzjoni tagħha għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tar-Reġistratur tal-Artijiet Claude Sapiano[4] illi eċċepixxa:**

1. ILLI qabel xejn, u ghal kull bon fini, l-Avukat tal-Istat ghadu mhuwiex notifikat skont l-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. ILLI preliminarjament, l-esponenti jeccepixxi illi din il-kawza kienet ceduta fil-konfront tieghu permezz ta' nota tal-attrici tat-3 ta' April, 2017. Illi din l-Onorabbli Qorti hadet konjizzjoni ta' din in-nota fis-seduta tal-11 ta' April, 2017 fejn il-Qorti ddekretat illi ser ***tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors kif indirizzat fil-konfront tal-istess Registratur tal-Artijiet***. Illi permezz tar-rikors tal-11 ta' Settembru, 2019, ir-rikorrenti talbet ir-rikjamar in kawza tal-esponenti, din l-Onorabbli QOrti diversament presjeduta laqghet it-talba tar-rikorrenti. Illi l-esponenti ma' kellux x'jaqsam mad-

[4] Risposta guramentata a fol 195 sa 199 b'dokumenti a fol 200 sa 202.

decizjoni tal-attrici li ccedi l-kawza fil-konfront tieghu u fit-talba sabiex jigi kjamat fil-kawza u ghalhekk m'ghandux ibati spejjez tal-proceduri odjerni;

3. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, dwar il-mertu u l-fatti ta' din il-kawża, l-esponent jirrileva illi fis-sena elfejn (2000) il-konvenuti Saviour Buttigieg, Joseph Buttigieg, Mary Ann Camilleri, Michael Buttigieg, Carmen Mackenzie u Doris Dryden irreġistraw f'isimhom art tal-kejl ta' mija u sitta u sittin punt ħamsa metru kwadri (166.5m.k.) permezz ta' LRA75/2000. Illi il-bażi [sic] tal-applikazzjoni tal-konvenuti kienet il-preskrizzjoni trentennali;

   Sussegwentament, Carmelo Buttigieg, missier ir-rikorrenti, kien issottometta applikazzjoni LRA409/00 għal reġistrazzjoni ta' art tal-kejl ta' mitejn u sitta u sebgħin punt deċimali tlieta tnejn metri kwadri (276.32m.k.). [I]l-bażi tal-applikazzjoni tiegħu kienet il-preskrizzjoni trentennali rigward terz (1/3) indiviż, suċċessjoi wara l-mewt ta' missieru Saviour Buttigieg li miet fis-sittax (16) ta' Frar tas-sena elf disa['] mija u disgħa u tmenin (1989), u kuntratt pubblikat min-nutar Maria Grima fl-14 ta' Jannar 2000. Il-proprjetà kif reġistrata kienet in parti *overlap* fuq parti mill-propjetà diġà reġistrata permezz ta' LRA75/2000. Sussegwentament, wara l-mewt ta' Carmelo Buttigieg, Rosie Buttigieg issottomettiet applikazzjoni (LRA1100/08) abbażi ta' att *causa mortis* pubblikat min-nutar Maria Grima fid-29 ta' Lulju 2008, għal in parti l-ewwel reġistrazzjoni u in parti trasmissjoni tal-propjetà numru 48001566, fejn issa l-kejl iddikjarat tal-propjetà kiber għal tlett [sic] mija u erbħa u sebgħin metri kwadri. Il-kejl tal-pjanta annessa mal-applikazzjoni kiber ukoll;

4. ILLI għaldaqstant, l-esponenti jirrikkomanda illi t-talbiet tal-attriċi jiġu limitati għall-parti illi tirriżulta illi hija *overlap*, u dan peress illi dwar il-parti l-oħra, il-konvenuti qatt ma vvantaw drittijiet fuqha. Ir-rikorrenti trid tispeċifika wkoll jekk l-art tagħha hijiex dik kif irreġistrata hi permezz ta' LRA1100/08, inkella kif irreġistraha missierha permezz ta' LRA409/00;

5. ILLI *di più* ir-rikorrenti [sic] trid tiddikjara wkoll jekk hijiex is-sid tal-art indikata fuq il-pjanta annessa ma' dan ir-rikors (**Vide Dok A**),

jew hijiex is-sid ta' art akbar kif iddikjarat fuq l-att *causa mortis* tan-nutar Maria Grima tad-29 ta' Lulju 2008;

6. ILLI dwar l-istess propjetà diġà kien hemm tlett [sic] applikazzjonijiet fejn l-applikanti permezz ta' *affidavit*: *Saviour Buttigieg l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) anness ma' LRA75/00 (**Vide Dok A1**), Emanuel Buttigieg affidavit tal-erbgħa (4) ta' Ġunju elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) anness ma' LRA335/99 sussegwentament irtirat permezz ta' LRA20/00 (**Vide Dok A2**), u Carmelo Buttigieg affidavit tal-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) anness ma' LRA409/00 (**Vide Dok A3**)* taħt ġurament iddikjaraw illi jippossjedu l-art, jew parti diviża jew indiviża minnha, b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku u mhux ekwivoku;

ILLI in vista tas-suespoet, l-esponent waqt li jissottolinja ir-rakomandazzjonijiet [sic] u raġunijiet hekk kif [i]mfissrin, b'riżerva għal raġunijiet oħra li jistgħu jinġiebu fil-mori ta' dan ir-rikors, f'dan l-istadju jirrimetti ruħu għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk jkun il-każ.

**Fliet l-atti.**

**Rat** l-art in mertu kif immarkata fuq pjanta tar-Reġistru tal-Artijiet kif eżebita mill-attriċi mar-rikors ġuramentat tagħha.[5]

**Rat** in-nota tal-attriċi li biha ċediet il-kawża fil-konfront tar-Reġistratur tal-Artijiet.[6] **Rat** il-konsegwenti verbal tal-udjenza tal-11 ta' April, 2017 fejn il-Qorti kif diversament presjeduta astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors ġuramentat fil-konfront tar-Reġistratur tal-Artijiet.[7]

**Rat** il-pjanta eżebita mix-xhud Nutar Dr. Paul George Pisani li turi l-art irreġistrata mar-Reġistratur tal-Artijiet mil-konvenuti.[8]

---

[5] Pjanta a fol 3.
[6] Nota a fol 57.
[7] Verbal a fol 80 u 81.
[8] Pjanta a fol 61.

**Rat** id-dokumenti ezebiti min-Nutar Dr. Maria Grima li jikkonsistu fl-applikazzjoni għall-ewwel reġistrazzjoni ta' l-art in mertu magħmulha minn missier l-attriċi Carmelo Buttigieg fejn ta' spjegazzjoni tal-provenjenza tal-art;[9] kawzjoni magħmulha minn missier l-attriċi fuq l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-konvenuti b'affidavit tiegħu anness magħha fejn jispjega r-raġuni wara l-kawzjoni;[10] testment ta' missier Carmelo Buttigieg u allura n-nannu tal-attriċi – Saviour Buttigieg;[11] kuntratt ta' donazzjoni bejn terzi u missier l-attriċi.[12]

**Rat** il-pjanta ulterjuri ppreżentata mill-avukat difensur ta' l-attriċi.[13]

**Rat** li fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018 l-attriċi ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluq.[14]

**Rat** l-estratt mir-Reġistru tal-Artijiet sottomess mill-konvenuti.[15] **Rat** il-pjanta tal-art irreġistrata mil-konvenuti mar-Reġistru tal-Artijiet.[16]

**Rat** is-sett ta' ħames (5) ritratti eżebiti mil-konvenuti.[17]

**Rat** in-nota b'dokumenti ppreżentata mill-attriċi nhar l-1 ta' Frar, 2019.[18]

**Rat** ir-rikors tal-konvenuti b'talba għall-isfilz tan-nota attriċi tal-1 ta' Frar, 2019 u r-risposta attriċi għall-istess.[19] **Rat** id-digriet tagħha kif diversament presjeduta tad-9 ta' April, 2019 fejn ċaħdet it-talba tal-konvenuti għall-isfilz.[20]

**Rat** ir-rikors ta' l-attriċi fejn talbet il-kjamat fil-kawża tar-Reġistratur tal-Artijiet wara li l-istess kien ġie estromess mil-proċeduri odjerni.[21] **Rat** ir-

---

[9] Applikazzjoni a fol 64 sa 65.
[10] Kawzjoni a fol 66 u affidavit a fol 67.
[11] Testment a fol 68 u 69.
[12] Kuntratt a fol 70 u 71 bi pjanta a fol 74.
[13] Pjanta a fol 101 ipprezentata fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2018.
[14] Verbal a fol 102.
[15] Estratt mir-Registru a fol 110 sa 112 ipprezentat b'nota tal-konvenuti a fol 109. L-estratt huwa identiku ghal dak ipprezentat mix-xhud Nutar Dr. Paul George Pisani a fol 59 sa 61 bl-addizzjoni ta zewg pagni a fol 111A u 111B li huma Certifikat ta' Titolu u juru wkoll il-kawzjoni maghmulha minn missier l-attrici Carmelo Buttigieg.
[16] Pjanta a fol 112.
[17] Ritratti a fol 115 sa 117 ezebiti b'nota tal-konvenuti a fol 114.
[18] Nota a fol 120 b'dokumenti a fol 121 sa 153.
[19] Rikors al-konvenuti a fol 155, risposta attrici a fol 160 sa 161.
[20] Digriet a fol 162 u 163.
[21] Rikors a fol 166.

risposta tal-konvenuti ghall-istess.[22] **Rat** in-noti tal-partijiet li segwew[23] kif ukoll id-digriet tagħha kif diversament presjeduta mogħti nhar il-5 ta' Novembru, 2020 fejn laqgħet it-talba attriċi għall-kjamat fil-kawża tar-Reġistratur tal-Artijiet.

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' Novembru, 2021 l-attriċi talbet l-awtorizzazzjoni sabiex tippreżenta nota b'diversi dokumenti addizzjonali.[24] **Rat** li minkejja l-oppożizzjoni tal-konvenuti għal preżentazzjoni ta' din in-nota, il-Qorti ppermettiet il-preżentazzjoni tagħha bil-provi atturi ġew wara dan dikjarati definittivament magħluqha.[25]

**Rat** in-nota tal-kjamat fil-kawża, ir-Reġistratur tal-Artijiet, permezz ta' liema, in ottemperanza ma' digriet tal-Qorti, informa lill-Qorti li ma' kellux provi xi jressaq.[26]

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' Ġunju, 2022 il-konvenuti ddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.[27]

**Rat** li fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2022 il-partijiet talbu li jsir aċċess fuq il-post bit-talba ntlaqgħet[28] u l-aċċess sar nhar l-10 ta' Novembru, 2022.[29]

**Rat** li fl-istess udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2022 il-partijiet ingħataw terminu sabiex jagħmlu n-noti tal-osservazzjonijiet tagħhom filwaqt li l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.[30]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll noti tal-osservazzjonijiet.

**B. Provi:**

---

[22] Risposta a fol 170.
[23] Nota attrici a fol 181 u nota tal-konvenuti a fol 185.
[24] Nota a fol 212 sa 214 b'dokuemnti a fol 215 sa 349.
[25] Verbal a fol 350 u 351.
[26] Nota a fol 355.
[27] Verbal a fol 390 u 391.
[28] Verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2022.
[29] Verbal tal-access in atti.
[30] Verbal tas-seduta tas-26 ta' Ottubru, 2022.

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Rosie Buttigieg**, l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[31] Iddikjarat li l-art mertu tal-kawża hija dejjem tafha għand familtha minn naħa ta' missierha.

Tiddikjara li l-art in mertu ġiet akkwistata fi tlett porzjonijiet: 1/3 indiviż bil-pussess kontinwu tal'fuq minn 40 sena – b'missierha, Carmelo Buttigieg, u qrabatu kienu jaħdmu din l-art liberament mingħajr qatt ma' ġew imfixkla; 1/3 indiviż ġie mixtri minn missierha mingħand kuġin tiegħu b'kuntratt tal-14 ta' Jannar, 2000 in atti Nutar Maria Grima, u; 1/3 ieħor intiret minn missierha wara l-mewt ta' missieru Saviour Buttigieg li miet fis-16 ta' Frar, 1989.

Iżżid li wara l-mewt ta' missierha wirtet kollox hi b'dan li hija llum proprjetarja tal-intier tal-art in mertu.

Tiddikjara li l-konvenuti aħwa Buttigieg qatt ma' kellhom ebda sehem minn din l-art u ma' jħaddnu ebda titolu validu fuqha. Iżżid li minkejja dan huma xorta jippretendu xi drittijiet tant li anke rreġistraw parti mill-art in mertu.

**B'affidavit ulterjuri**[32] iddikjarat li d-diskrepanza osservata mix-xhud Andrew Vella, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Artijiet, fil-kejl tal-art kif irreġistrata minn missierha u kif aktar tard irreġistrata minnha temani mil-fatt li bl-akkwist minnha tat-testment tan-nannu tagħha Saviour Buttigieg hija rrealiżżat li kellha kejl ta' art ferm akbar milli ħasbet. Iżżid li dan il-kejl akbar ikkonfermatu mar-riċerka fuq l-assi ta' omm in-nannu tagħha – Rosaria Buttigieg.

**B'affidavit ulterjuri**[33] iddikjarat li hija taqbel mar-Reġistratur tal-Artijiet fejn fir-risposta ġuramentata tiegħu qal li t-talbiet tagħha f'din il-kawża għandhom ikunu limitati għal dik il-parti tal-art in mertu li hija *overlapped* ma' l-art li rreġistraw il-konvenuti. Iżżid li dan billi l-konvenuti qatt ma' vvantaw pretensjoni fuq il-kumplament tal-art tagħha.

---

[31] Affidavit a fol 49 sa 50.
[32] Affidavit a fol 83.
[33] Affidavit a fol 215 u 216.

Rigward id-diskrepanza fil-kejl bejn l-art li rreġistra mar-Reġistratur tal-Artijiet missierha u dik li rreġistrat hi, tirreferi għall-affidavit preċedenti tagħha fejn fornit spjegazzjoni dwar dan.

Tiddikjara wkoll li l-porzjon art tagħha hija dik tal-kejl akbar skond id-dikjarazzjoni *causa mortis*.[34]

Tirreferi wkoll għal diversi proċeduri fil-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja – dawk bin-numri 188/1991, 132/1991, u 13/1991. Iżżid li hija ntavolat numru ta' rikorsi fihom b'dan li wara li ottjeniet informazzjoni minnhom waslet għal numru ta' fatti rilevanti għal din il-kawża.

Tippreżenta għalhekk varji dokumenti permezz ta' nota tat-23 ta' Novembru, 2021.[35]

**In kontro-eżami**,[36] tixhed li twieldet fis-6 ta' April, 1963 il-Kanada b'dan li ta' 3 snin ġiet tgħix Għawdex mal-ġenituri tagħha. Tgħid li fl-istess sena marru lura l-Kanada. Tgħid li minn hemmhekk baqgħu l-Kanada b'dan li fis-snin 90 hija kienet anke tistudja Ruma.

Iżżid li Għawdex kienu jiġu għal btajjel. Tgħid li hija ħadmet bħala għalliema tal-Ingliż ġo Ruma għal 17-il sena b'dan li tul dan iż-żmien kienet qattet bejn 4 u 5 xhur f'Għawdex meta ma' kienitx tkun tgħallem għax l-iskola kienet tkun magħluqha għall-vaganzi.

Iżżid li mis-snin 90 sal-2012 kienet Għawdex bejn 4 u 5 xhur b'dan li fl-2012 ġiet tgħix Għawdex fejn għadha tgħix sal-lum.

Iżżid li l-ġenituri tagħha ġew jgħixu għal kollox Għawdex lejn l-aħħar tas-snin 80 u l-bidu tas-snin 90.

Tgħid li huma dejjem ħadmu l-porzjon sħiħ tal-art "Ta' Qurdaxx" fi Triq Wied Simar inkluż il-parti li tmiss mat-triq. Issemmi li din kienet inxtrat b'kuntratt tal-1921.

---

34 Ma' tindikax id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' min pero' mill-atti li tannetti jsegwi li r-referenza hija ghal dik ta'missierha Carmelo Buttigieg, missieru – nannuha – Saviour Buttigieg, u omm dan tal-ahhar – il-buznanna taghha – Rosaria Buttigieg.
35 Nota a fol 212 sa 214.
36 Traskrizzjoni tax-xhieda tas-26 ta' Ottubru, 2022 – mhux paginata.

Tgħid li meta fl-2008 l-art ġiet għandha permezz tal-wirt ta' missierha hija daħlet fiha ma' ommha u ġar sabiex naddfu l-istess u baqgħet taħdimha. Iżżid li l-ġar kien Paul Xuereb li xehed f'dawn il-proċeduri.

Tiċħad li kien hemm jew jeżistu qsami li jiddividu din l-art fi tlieta.

Tgħid li hija wirtet 276 m.k.

Murija l-pjanta a fol 3 tal-proċess, tgħid li mhux minnu li hemm qsami li jindikaw li l-art hi maqsuma fi tlieta. Tinsisti li dik porzjon art waħda ta' 276.32 m.k.

Tixhed li lill-konvenuti qatt ma' rathom fil-porzjon art ta' barra.

Mistoqsija tafx bil-preżenza ta' madum ġol-ħajt tas-sejjiegħ li ġej minn kċina ta' wieħed mill-konvenuti tgħid li iva iżda Mizzi li għandu r-raba' maġenb tagħha jpoġġi l-madum lin-nies u huwa ħabib tal-konvenuti b'dan li ġieli rema' madum f'tagħha.

Tiċħad li hija għamlet varji appikazzjonijiet mar-Reġistratur tal-Artijiet titlob korrezzjonijiet varji fil-kejl tal-art. Tgħid li hija kienet inizjalment straħet fuq id-dikjarazzjoni ta' missierha li hemm kien hemm 276.32 m.k. iżda mbagħad ġiet f'idha d-denunzja *causa mortis* ta' nannuha Saviour Buttigieg li kienet tgħid li kien hemm il fuq minn 300 m.k. Iżżid li wara dan ottjeniet il-kuntratt ta' akkwist tal-1921 tal-bużnanna tagħha, omm nannuha Saviour, Rosaria, minn fejn reġgħa rriżulta l-kejl ta' 276.32 m.k. ma' liema imbagħad iddeċidiet li żżomm. Iżżid li mbagħad ċemplet lil Perit Dimech li mar fuq il-post u bl-informazzjoni li ġabar ħareġ il-pjanta.

**Angela Buttigieg**, omm l-attriċi u armla ta' missierha, xehdet permezz ta' affidavit.[37] Iddikjarat li l-art in mertu kienet parzjalment għand Saviour Buttigieg, missier il-mejjet raġel tagħha, Carmelo Buttigieg, b'dan kien jaħdimha flimkien ma' oħtu.

Iżżid li maż-żmien sehem oħt Saviour wasal għand żewġha b'dan imbagħad akkwista porzjon ieħor mingħand kuġin tiegħu u aktar tard wiret porzjon ieħor mingħand missieru.

[37] Affidavit a fol 51.

Tiddikjara li żewġha dejjem ħadem din l-art, inkluż meta kienu jgħixu l-Kanada, b'dan kien iqatta' minn sitt (6) xhur sa sena Għawdex u dejjem ittenda l-art in mertu.

Iżżid li fl-1991 huma ġew jgħixu Ghawdex permanentement.

Tiddikjara li kemm dam jaħdem l-art żewġha qatt ma' ġie mfixkel minn ħadd b'dan hija tafu għax kienet tkun miegħu.

Iżżid li wara mewt żewġha bdiet tieħu ħsieb l-art hi u hemm beda t-tfixkil mill-konvenuti.

**Paul Xuereb**, ġar tal-attriċi, xehed permezz ta' affidavit.[38] Iddikjara li l-art in mertu jafha sew. Iżid li huwa anke għen lill-omm l-attriċi, Angela, tnaddaf din l-art fejn anke ġabru ġebel u poġġewh fuq is-sejjiegħ u ġabru xi ħatab. Iżid li mar fl-art in mertu madwar tlett darbiet, f'xi okkazzjonijiet anke mal-attriċi u ħuha, fejn damu madwar tlett (3) siegħat kull darba. Jgħid li kemm-il darba kienu hemm qatt ma' ġew mifxula minn ħadd. Jiddikjara li huwa għen fit-tindif tal-porzjon art kollha, mil-hajt tas-sejjiegħ il ġewwa.

**Joseph Vella**, ziju tal-attriċi u oħt ommha Angela, xehed permezz ta' affidavit.[39] Iddikjara li l-art in mertu jafha sewwa u dejjem jafha għand il-familja tal-attriċi u preċiżament għand il-ġenituri ta' missierha Carmelo. Iżid li dan jafu wkoll għax huwa u missieru kienu jaħdmu biċċa art oħra fl-istess triq. Iżid li jiftakar lin-nannu tal-attriċi, Saviour, jaħdem l-art in mertu minn xi ħamsin (50) sena lura.

**Nutar Dr. Paul George Pisani**, iddepona[40] billi ppreżenta kopja ta' applikazzjoni għall-ewwel reġistrazzjoni ta' porzjon art li saret mill-konvenut Saviour Buttigieg u ħutu – il-kumplament tal-konvenuti[41] –

[38] Affidavit a fol 52.
[39] Affidavit a fol 53.
[40] Traskrizzjoni a fol 58.
[41] Applikazzjoni ghall-ewwel registrazjoni a fol 59.

b'affidavit tal-istess Saviour Buttigieg anness magħha[42] u pjanta li tindika l-art suġġett tal-applikazzjoni.[43]

**Nutar Dr. Maria Grima**, xehdet[44] li missier l-attriċi, Carmelo Buttigieg, irreġistra tlett terzijiet – 1/3, 1/3, u 1/3 – tal-art in mertu. Iżżid li terz ġie għandu bil-preskrizzjoni, terz b'wirt ta' missieru, u terz b'akkwist/donazzjoni.

Teżebixxi, kopja tal-applikazzjoni għall-ewwel reġistrazzjoni ta' tlett terzijiet tal-art in mertu,[45] kawzjoni ta' Carmelo Buttigieg kontra reġistrazzjoni mil-konvenuti,[46] affidavit ta' Carmelo Buttigieg fejn jispjega l-provenjenza ta' kull terz mill-art in mertu,[47] kopja tat-testment ta' missier Carmelo Buttigieg u allura n-nannu tal-attriċi ossia; Saviour Buttigieg,[48] kopja ta' kuntratt ta' donazzjoni bejn Joseph u Rose aħwa Portelli u Carmelo Buttigieg bi pjanta annessa.[49]

**Andrew Vella**, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Artijiet, xehed[50] li għand id-dipartiment waslu żewġ applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' art fl-inħawi "Tas-Simar", it-tnejn fis-sena 2000: waħda minn Saviour Buttigieg – konvenut – sabiex jirreġistra prozjon ta' 166.5 m.k. u oħra minn Carmelo Buttigieg – missier l-attriċi – sabiex jirreġistra porzjon ta' 276.32 m.k.

Jispjega l-provenjenza li kienet ġiet indikata minn Carmelo Buttigieg bħala 1/3 bil-preskrizzjoni, 1/3 b'wirt mingħand missieru, u 1/3 b'akkwist mingħand terzi.

Iżid li bit-tieni applikazzjoni li daħlet – dik ta' missier l-attriċi – irriżulta *overlap* fuq art diġa rreġistrata qabel mill-konvenuti.

---

[42] Affidavit a fol 60 – bhal dak sottomess mar-risposta gur. tar-Registratur tal-Artijiet a fol 43.
[43] Pjanta a fol 61.
[44] Traskrizzjoni a fol 62 sa 63.
[45] Applikazzjoni a fol 64 sa 65.
[46] Kawzjoni a fol 66.
[47] Affidavit a fol 67.
[48] Testment a fol 68 u 69.
[49] Kuntratt ta' donazzjoni a fol 70 sa 71 u l-pjanta a fol 74.
[50] Traskrizzjoni a fol 75 sa 78.

Jgħid li sussegwentement – fl-2006 – daħlet kawzjoni minn Carmelo Buttigieg kontra l-konvenuti.

Iżid li wara mbagħad il-mewt ta' Carmelo Buttigieg daħlet applikazzjoni oħra mingħand l-attriċi fejn il-kejl kiber minn 276.32 m.k. għal 374 m.k.

**In kontro-eżami**[51] ikkonferma li l-kejl tal-art li tagħha ntalbet ir-reġistrazzjoni minn missier l-attriċi kien ta' 276.32 m.k. mentri dak tal-art li tagħha ntalbet ir-reġistrazzjoni mill-attriċi wara mewt missierha kien ta' 374 m.k.

**Paul Dimech**, xehed[52] li lill-attriċi jafha għaliex kienet qabditu jieħu kejl ta' l-art fi Triq Simar, il-Qala. Iżid li huwa mar fuq il-post fil-31 ta' Lulju, 2008. Iżid li kellhom diffikolta' jieħdu l-kejl minħabba li l-qsami kienu mirdumin b'dan li għalhekk mar lura f'Awwissu flimkien ma' *surveyor*.

Jixhed li sabiex aċċedew fl-art in mertu huma għaddew mit-triq.

Iżid li dakinhar tas-*survey* huma sabu tlett punti fissi bir-raba' wieħed ġie kalkolat minnhom skond il-kejl superfaċjali tal-art indikat fil-kuntratt provdut lilhom mill-attriċi. Iżid li t-tlett punti fissi kienu marki biż-żebgħa sewda mal-ħajt ta' mat-triq u mal-ħajt ta' wara, u turbazz ma' ġenb minnhom. Iżid li kienet l-attriċi li ndikatilhom li l-marki taż-żebgħa kienu l-qsami.

Jobbliga ruħu li jipprezenta kopja tas-*survey* u tar-ritratti li ħa tal-marki taż-żebgħa.

**In kontro-eżami**, xehed[53] li l-kuntratt li wrietu l-attriċi u rrefera għalih għandu kopja tiegħu u jista jippreżentah mas-*survey* u r-ritratti. Jikkonferma li dan il-kuntratt huwa fil-fatt it-testment magħmul minn Saviour Buttigieg fis-27 ta' Frar, 1985 in atti Nutar Giuseppe Cauchi. Iżid li mat-testment ma' kienx hemm pjanta.

[51] Traskrizzjoni a fol 78 sa 79.
[52] Traskrizzjoni a fol 88 sa 91.
[53] Traskrizzjoni a fol 91 sa 94.

Iżid li huma ħadu t-tlett punti fissi kif sabuhom fuq is-sit bir-raba' punt ħarġuh huma skont il-kejl superfiċjali. Jaqbel li t-testment ma' jindikax fejn taqa' eżatt l-art.

Jerġa jgħid li qsami proprja ma' rax b'dawn kienu mirdumin iżda ra zebgħa mal-ħitan.

**Grazia Falzon**, xehdet permezz ta' affidavit.[54] Tiddikjara li lill-attriċi u lil ommha tafhom il-Qala. Iżżid li taf li l-familja tal-attriċi għandhom art f' "Tas-Simar", il-Qala li ġejja minn naħa ta' missierha. Iżżid li dan tafu sew kemm għax huma wkoll għandhom art fil-qrib li jaċċedu għalija minn passaġġ tul l-art tal-attriċi, kif ukoll għaliex tiftakar liz-zija ta' missier l-attriċi taħdem din l-istess art. Tiddikjara li hija midħla sew tal-inħawi wkoll għax tiġbor xi ċnus minn hemm.

Iżżid li taf fiż-żgur li missier l-attriċi akkwista biċċa art maġenb dik li sa minn dejjem kienet f'idejn familtu u dan mingħand cċrti Portelli li lilha kienu anke jħallsuha ċ-ċens.

**In kontro-eżami**, xehdet[55] li l-art "Ta' Simar" kienet għand kuġinuha Joseph Buttigieg, magħruf bħala l-iskarpan, u martu Tonina - Antonia. Indikat lilha l-konvenut Joseph Buttigieg, tgħid li mindu kien tfal tiftakru hemm ma' kuġinuha.

Rigward ċnus tgħid li min kien jatihomla kienet teħodhom imma minn ma kienx kienet tistħi titlobhomlu. Tgħid li aktar oħta kienet tieħu ħsieb tiġbor iċ-ċnus.

Tgħid li l-għalqa għandha faċċata mat-triq fejn kien hemm anke salib ta' wieħed minn tagħhom li miet żgħir.

Iżżid li l-art li kienet ta kuġinuha Joseph u martu Antonia wara ħadha l-konvenut Joseph Buttigieg.

**In re-eżami**,[56] tgħid li l-konvenuti ġieli ħallsu ċens tar-raba' in kwistjoni imma mhux dejjem ħallsu.

[54] Affidavit a fol 98.
[55] Traskrizzjoni tax-xhieda tal-31 ta' Awwissu, 2022 – mhux paginata.
[56] Traskrizzjoni tax-xhieda tal-31 ta' Awwissu, 2022 – mhux paginata.

**Joseph Buttigieg**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[57] Jiddikjara li huwa flimkien ma' ħutu proprjetarji ta' porzjon art ta' ċirka 166.5 m.k. magħrufa bħala "Tal-Qurdaxx" li tinsab fi Triq Wied is-Simar, il-Qala.

Jiddikjara li din l-art ilha f'idejn familtu għal snin twal u 'l fuq minn ħamsin (50) sena. Iżid li ta' tfal kien ikun jilgħab hemm u meta kiber beda anke' jaħdimha flimkien ma' hutu Saviour u Michael – ukoll konvenuti.

Jiddikjara li għalkemm huwa waqaf jaħdem din l-art xi ħames (5) snin ilu, fiha jittawwal kuljum stante li joqgħod qrib.

Iżid li fl-istess art kien anke jonsob tant li anke baqa' ħjiel ta' ġebel li kien iżomm ix-xibka.

Jiddikjara li l-ħitan tas-sejjiegħ dejjem baqgħu fejn kienu. Iżid li lill-attriċi darba biss raħha ġo l-art tagħhom meta marret max-xhud Paul Dimech. Jiddikjara li dakinhar inqala diskors peress li huma nsistew li hemm tagħhom b'dan li Dimech allura telaq.

Jiddikjara li tant huwa magħruf li hemm tagħhom illi meta terz inkluda parti mill-art tagħhom f'reġistrazzjoni tiegħu, ħaddiehor lilu nforma b'dan, mhux lill-attriċi, b'dan li huwa mbagħad kellem lit-terz u t-terz irtira r-reġistrazzjoni li kien għamel.

Iżid li jaf li l-attriċi għandha proprjeta' fl-inħawi b'din izda tinsab fuq wara tal-proprjeta' tagħhom.

Iżid ukoll li bejn l-art tiegħu u ta' ħutu u dik tal-attriċi kien hemm proprjeta' ta' ċertu Portelli li jaf li kien biegħ lill missier l-attriċi.

**In kontro-eżami,**[58] xehed li l-art in mertu hija tiegħu u ta' ħutu b'dan li ilhom fiha 'l fuq minn ħamsin (50) sena. Iżid li kienu jkunu fiha anke ma' missierhom u zijuhom.

Jixhed li l-art li hija tagħhom fiha xi 167 m.k.

---

[57] Affidavit a fol 104 u 105.
[58] Traskrizzjoni a fol 389b sa 389i.

Muri l-pjanta a fol 3 tal-proċess jgħid li l-art hija maqsuma fi tlieta (3) bil-parti ta' mat-triq hija tagħhom. Jimmarka bl-ittra "A" il-parti li skont hu hija tagħhom.

Jixhed li minkejja li tagħhom hija l-parti li identifika bl-ittra "A", huwa kien jonsob fl-art kollha kemm hi għax ħadd ma' kien jersaq l-hemm jew jagħti każ. Iżid li l-qsami għadhom hemm.

Muri l-pjanta a fol 112 tal-proċess, ippreżentata minnhom – il-konvenuti – u mistoqsi dwar il-konfigurazzjoni li tidher hemm li mhix bħal dik li huwa mmarka bl-ittra "A", jgħid li hemmhekk tidher il-biċċa kollha tagħhom li jerġa jimmarka bl-ittra "A".

Iżid li din l-art ġiet għandhom mill-antenati tagħhom min-naħa ta' missierhom, speċifikatament zijuhom Guzepp – Joseph – Buttigieg.

Muri l-arblu tar-razza eżebit a fol 217 jagħraf li dan zijuhom Joseph Buttigieg kien miżżewweġ lil Maria Antonia.

Jgħid li mindu kellu sitt (6) snin kien ta' kuljum f'din l-għalqa ma' zijuh Joseph. Mistoqsi kif kitibilu, jekk hux b'testment, jgħid li kienu jkunu hemm u kien jgħidlu li hemm tagħhom u dejjem jista jmur fih iżda ma' jaħsibx li kitibilu b'testment. Jgħid li ma' jafx saritx denunzja fuq din l-art.

Jgħid li l-qsami ta' l-art in mertu kienu saru mil-Perit Dimech iżda ma' jafx ma' minn qasmu – jekk hux zijiet, kuġini eċċ. Jgħid li huwa ma' kienx preżenti meta saru l-qsami imma zijuh kien urih sa fejn jasal tagħhom.

Jixhed li lil Carmelo, missier l-attriċi, jafu iżda ma' jafx li qatt kellmu. Jgħid li n-neputi ta' Carmelo, tifel ta' ħuh Emanuel, kien mar irreġistra medda art tinkorpora artijiet ta' persuni varji fuq ismu u meta kellmuh irtira r-reġistrazzjoni.

Jinsisti li qatt ma' ra lill-familajri tal-attriċi jaħdmu dik l-art. Jgħid li jaf biss li ltaqgħu magħhom meta marru ma' Paul Dimech u nqala l-paroli u ma sar xejn.

**In re-eżami**, xehed[59] li qsami qiegħdin fil-ġebel b'dan li l-art hija maqsuma fi tlett porzjonijiet.

**Saviour Buttigieg**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[60] Jiddikjara li huwa u ħutu ilhom f'pussess esklussiv tal-porzjon art "Tal-Qurdaxx" tal-kejl ta' ċirka 166.5 m.k. li tinsab fi Triq Wied is-Simar, il-Qala u għandha faċċata għat-triq.

Iżid li din l-art dejjem jafha għand familtu u mhux minnu li l-attriċi għandha minnha. Iżid li l-art tal-attriċi tinsab wara din tagħhom.

Iżid li qabilhom l-art tagħhom kienet għand familthom u hekk ilha għal'fuq minn ħamsin (50) sena.

Iżid li huma dejjem ħadmu din l-art u huh Joseph kien anke jonsob fiha.

Jiddikjara li ħadd qatt ma' tellifhom fil-pussess u l-użu minnhom ta' din l-art. Iżid li lill-attriċi raħha l-ewwel darba fl-art tagħhom meta ħadet hemm lill-Perit Dimech. Iżid li dakinhar spjegaw ċar li hemm tagħhom bl-attriċi u Dimech fil-fatt telqu.

Iżid li darba oħra l-attriċi pruvat tiftaħ fetħa fil-ħajt li jifred l-art tagħhom mit-triq sabiex ikollha aċċess dirett mit-triq għal fuq tagħhom għal ġo tagħha. Jgħid li huwa ġie nfurmat b'dan minn terzi u mar waqqafha.

**In kontro-eżami**,[61] xehed li huma mhux iridu r-raba' għax tmiss mat-triq iżda r-raba' hija tagħhom b'dan li ġejja mingħand zijuhom. Iżid li dik ġiet għandhom bil-kelma biss b'dan li huma dejjem ħadmuha.

Iżid li sussidju qatt ma' ħadu fuq l-art in mertu iżda anqas ħadu fuq artijiet oħra li għandhom. Jgħid li l-art kienet maqsuma fi tlieta (3) b'ta' zijuhom kienet ta' barra. Jgħid li huwa ġieli ħadem din l-art u meta kien l-Awstralja għal xi snin ħadu ħsiebha ħutu.

---

[59] Traskrizzjoni a fol 389i.
[60] Affidavit a fol 106.
[61] Traskrizzjoni a fol 389p sa 389r.

**Michael Buttigieg**, konvenut, xehed permezz ta' affidavit.[62] Jiddikjara li huwa flimkien ma' ħutu huma proprjetarji tal-porzjon art "Tal-Qurdaxx" tal-kejl ta' ċirka 166.5 m.k. li tinsab fi Triq Wied is-Simar, il-Qala u għandha faċċata għat-triq.

Iżid li mhux minnu li l-attriċi hija proprjetarja ta' din l-art. Jiddikjara li l-art tal-attriċi tiġi wara din tagħhom b'dan li għad hemm anke l-qsami li juru dan.

Iżid li l-art tagħhom ilha fil-pussess u l-użu esklussiv ta' familthom għal'fuq minn ħamsin (50) sena.

Jiddikjara li hu u ħuh Saviour jgħaddu minn quddiem din l-art mill-inqas darbtjen kuljum b'dan li qatt ma' raw lil ħadd fiha għajr lil familthom.

**In kontro-eżami**, xehed[63] li r-raba' in kwistjoni magħruf bħala "Ta' Qurdaxx", Triq is-Simar. Jgħid li l-porzjon tagħhom hija dik ta' mat-triq u ilha għandhom għal ħamsin (50) sena. Iżid li din ġejja mingħand zijuh Guzepp – Joseph – Buttigieg. Jinsisti li l-parti tar-raba' li tmiss mat-triq kienet ta' dan zijuh iżda ma' jiftakarx tħalsitx denunzja fuq din ir-raba'.

**Kevin Abela**, xehed permezz ta' affidavit.[64] Jiddikjara li kiber u jgħix il-Qala u li familtu għandha l-għelieqi fl-inħawi ta' Triq Wied is-Simar. Iżid li jaf tajjeb li l-art tal-konvenuti hija dik li għandha l-faċċata tagħha mat-triq u hija mifruda mit-triq permezz ta' ħajt tas-sejjiegħ antik. Jiddikjara li jaf lill-konvenuti jaħdmu din l-art u wkoll lil uhud minnhom jonsbu fiha.

**In kontro-eżami**,[65] muri l-pjanta a fol 3 tal-proċess, xehed li l-artijiet ta' familtu huma dawk li jimmarka bl-ittri "KA" fuq l-istess pjanta a fol 3. Jgħid li bejn l-għalqa tal-konvenuti u l-biċtejn tagħhom li lkoll imissu mat-triq hemm għalqa ta' terz – ċertu Angelo Mizzi.

Iżid li jiftakar lill-konvenuti jaħdmu dik ir-raba' u lil konvenut Joseph Buttigieg jonsob fiha minn qabel l-1985.

[62] Affidavit a fol 107.
[63] Traskrizzjoni a fol 389j sa 389l.
[64] Affidavit a fol 375.
[65] Traskrizzjoni a fol 389m sa 389o.

Jinsisti li huwa ċertissimu li lill-attriċi u missierha hemmhekk ma' jiftakarhomx. Iżid li huwa mil-Qala stess u jgħix ħames minuti bogħod minn dik l-għalqa b'dan li minn quddiemha jgħaddi ta' kuljum.

Jinsisti li meta kien tfal, għalqa li issa mibnija kienet ta' nanntu b'dan li kien ikun fiha kuljum u l-konvenuti kienu jkunu f'tagħhom maġenbhom.

**Mark Cini**, in rappreżentanza tal-Awtorita' tal-Ippjanar, xehed[66] li saret applikazzjoni numru PA/837/09 minn Rosie Buttigieg *to construct boundary rubble walls*. Iżid li l-applikazzjoni ma' kienitx ġiet aċċettata.

Jixhed li tul il-proċess tal-kunsiderazzjoni tal-applikazzjoni saret oġġezzjoni minn Saviour Buttigieg fejn dan qal li l-proprjeta' hija tiegħu. Iżid li b'dan ġiet notifikata l-applikanta li wieġbet li l-art kienet tagħha u ppreżentat kopja tar-reġistrazzjoni tal-art.

Iżid li r-rifjut tal-applikazzjoni għall-permess ingħata fuq *policies* tal-iżvilupp viġenti bil-kwistjoni tal-proprjeta' ma' ingħatatx rilevanza.

Jippreżenta kopji tal-applikazzjoni għall-permess, ritratti tas-sit, pjanti, kopja tar-rifjut u tar-rapport ta' rikonsiderazzjoni liema rikonsiderazzjoni ġiet *dismissed*, l-ittra ta' oġġezzjoni, u l-ittra in risposta tal-applikanta.[67]

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza l-attriċi talbet dikjarazzjoni li l-porzjon art magħrufha bħala "Ta' Qurdaxx" fil-limiti tal-Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka 276.32 m.k. kif tidher aħjar murija fil-pjanta mmarkata bl-ittra "A" a fol 3 tal-proċess hija proprjeta' esklussiva tagħha. Konsegwentement, talbet li reġistrazzjoni magħmulha mar-Reġistratur tal-Artijiet mil-konvenuti fuq

[66] Traskrizzjoni a fol 376 sa 378.
[67] Applikazzjoni bir-ritratti tas-sit u pjanti a fol 360 sa 365, rifjut a fol 366 sa 367, applikazzjoni ghar-rikonsiderazzjoni a fol 368 sa 369, ittra ta' oggezzjoni a fol 370, dokumentazzjoni rigward registrazzjoni tal-art a fol 371 sa 373.

porzjon minn din l-art għandha tiġi rtirata bir-Reġistratur msemmi għndu jagħmel il-korrezzjonijiet neċessarji nkluż il-kanċellament tar-reġistrazzjoni tal-konvenuti.

Il-konvenuti laqgħu għal dan billi qalu li fl-ewwel lok, l-attriċi għandha tipprova t-titolu vantat minnha b'dan li fit-tieni lok il-porzjon li huma rreġistraw f'isimhom mar-Reġistratur tal-Artijiet kienet u għadha fil-pussess esklussiv tagħhom.

Ir-Reġistratur tal-Artijiet irrisponda billi eċċepixxa, *inter alia,* li semmai it-talbiet għandhom jiġu limitati biss għal dik il-parti tal-art in kwistjoni li dwarha hemm *overlap* fir-reġistrazzjonijiet magħmulha mil-partijiet kontendenti. Eċċepixxa wkoll li l-attriċi għandha tiddikjara jekk hijiex sid l-art minnha stess indikata fuq il-pjanta a fol 3 tal-proċess jew jekk hix sid ta' l-art akbar li tagħha ttentat ir-reġistrazzjoni hija wara mewt missierha.

Ir-Reġistratur tal-Artijiet eċċepixxa wkoll li qabel xejn għandu wkoll jiġi notifikat bl-atti ta' din l-istanza l-Avukat tal-Istat – kwistjoni li ġiet sorvolata fl-udjenza tas-7 ta' Lulju, 2021,[68] u li l-ispejjeż relattivi għal fatt li l-kawża ġiet ċeduta fil-konfront tiegħu sabiex wara ġie msejjaħ lura fiha m'għandux ibatihom huwa – kwistjoni li ġiet trattata mill-Qorti fid-digriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2020[69] u ndirizzata mill-attriċi permezz ta' nota ta' depożitu,[70] b'dan li wkoll ġiet sorvolata għajr għal dak li ser jingħad fil-kap tal-ispejjeż.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi immedjatament, din il-Qorti tħoss in-neċessita' li tagħmel ċertu kjarifiċi.

Għalkemm fir-rikors ġuramentat tagħha l-attriċi titkellem dwar porzjon art ta' ċirka 276.32 m.k. konfinanti minn Nofsinhar ma' Triq ta' Simar, mil-Lvant ma' beni ta' Pawla Meilak jew is-suċċessuri tagħha fit-titolu, u mil-Punent ma' beni ta' Salvu Buttigieg jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, art li tindika wkoll fuq il-pjanta annessa mar-rikors ġuramentat tagħha a fol 3 – pjanta li wkoll tindika l-kejl superfiċjali tal-art bħala ta' 276.32 m.k.

[68] Verbal a fol 209
[69] Digriet a fol 187 u 188.
[70] Nota a fol 192.

– aktar tard, bl-affidavit ulterjuri tagħha a fol 215 u 216 tal-proċess, u bi tweġiba għar-risposta ġuramentata tar-Reġistratur tal-Artijiet, tiddikjara li l-porzjon tal-art tagħha hija dik tal-kejl akbar kif enunċjat fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li hija għamlet wara l-mewt ta' missierha;[71] ossia l-kejl ta' 374 m.k.[72] Aktar tard, imbagħad, matul il-kontro-eżami tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2022 xehdet li hija qiegħdha iżżomm mal-kejl ta' 276.32 m.k. kif jirriżulta mil-kuntratt ta' akkwist tal-bużnanna tagħha, Rosaria Buttigieg, nanna ta' missierha Carmelo Buttigieg.

Hawnhekk il-Qorti tosserva li sa mill-istadju bikri tar-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi tiddikjara li hija akkwistat il-porzjon art kollha li tirriżulta fil-pjanta a fol 3 bil-wirt ta' missierha Carmelo Buttigieg li minn naħa tiegħu kien akkwista l-istess bi tlett modalitajiet u fi tlett porzjonijiet ta' sehem ta' 1/3 indiviż kull porzjon. B'dan li: 1/3 akkwistah b' donazzjoni, 1/3 b'wirt ta' missieru Saviour Buttigieg – iben Rosaria Buttigieg – u 1/3 bil-preskrizzjoni.[73]

Din l-istess dikjarazzjoni saret qabel l-attriċi minn missierha Carmelo Buttigieg meta applika sabiex jirreġistra l-art in mertu – kif tidher fil-pjanta a fol 3 tal-proċess – mar-Reġistratur tal-Artijiet[74] u għal darb'oħra f'affidavit sottomess lir-Reġistratur tal-Artijiet meta għamel kawzjoni kontra r-reġistrazzjoni magħmulha preċedentement għal tiegħu mil-konvenuti.[75]

Bi prova tal-akkwist tat-tlett (3) porzjonijiet ta' 1/3 indiviż kull porzjon mill-art li tidher a fol 3 tal-proċess, l-attriċi u missierha qabilha dejjem insistew fuq sett atti li jnissel porzjon b'wirt, kuntratt li bih ottjena porzjon ieħor missier l-attrici Carmelo Buttigieg b'donazzjoni, u l-preskrizzjoni.

**Rigward is-sehem ta' 1/3 indiviż li tnissel mil-wirt, din il-Qorti m'għandix dubbju li dan ġie sodisfaċjentement ippruvat mill-attriċi**.

Il-Qorti tosserva li l-attriċi ndikat li dan is-sehem indiviż tnissel lilha mil-wirt ta' missierha Carmelo Buttigieg li kien wirtu mingħand missieru

[71] Kopja tad-dikjarazzjoni *causa mortis* a fol 131 sa 140.
[72] Ref. para. 15 tad-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' missier l-attrici Carmelo Buttigieg.
[73] Ref. para. (ii) tar-rikors guramentat. Ref. ukoll l-ewwel affidavit tal-attrici a fol 49 u 50
[74] Ref applikazzjoni ghar-registrazzjoni maghmulha minn Carmelo Buttigieg a fol 314 sa 324.
[75] Ref dokumenti rgwardanti l-kawzjoni a fol 325 sa 331.

Saviour Buttigieg wara li kien ġie akkwistat minn omm Saviour Buttigieg, Rosaria Buttigieg.

Hawnhekk il-Qorti tosserva li l-inkartament tal-atti jevidenzja din it-trasmissjoni b'mod ċar u inekwivoku, b'dan illi:

B'kuntratt ta' akkwist tal-11 ta' Settembru, 1921 in atti Nutar Francesco Gauci – a fol 296 u 297 – Rosaria Buttigieg, armla ta' Giuseppe Buttigieg u bint Giuseppe Buttigieg diversi akkwistat mil-poter ta' Salvatore Mizzi, *inter alia*:

> *a) un terzo indiviso di porzion terra […] in Cala* – Qala – *in contrada Tas-Simar consistente l-intiera in una lenza di mondelli due e misure quattro, soggetta all […] pagamento di pence due per sua rata d'annuo canone perpetuo - confinante da ponente e tramontana con beni di Angelo Buttigieg – quale terzo indiviso viene venduto col prezzo di lira sterlina una.*

Fid-denunzja *causa mortis* tal-istess Rosaria Buttigieg – a fol 126, retro paġina, u fol 127, hemm dikjarata bħala waħda mill-assi tagħha:

> *Bicca raba' xaghari "Ta' Qurdaxx" il-Qala, fiha madwar siegh u nofs, tmiss S ma' Simar Street, W mal-beni tal-werrieta ta' Salvu Buttigieg E mal-beni tal-werrieta ta' Wenzu Meilaq N mal-beni tal-werrieta ta' Salvu Buttigieg. Cens thallas 1c 5m fis-sena. qieghda fi green area.*

Minn hawn din l-art ġiet għand iben Rosaria Buttigieg, Saviour Buttigieg, li b'testment tiegħu tas-27 ta' Frar, 1985 in atti Nutar Giuseppe Cauchi – a fol 68 u 69[76] – ħalla lil ibnu Carmelo Buttigieg:

> *[…] it-terz indiviz jew ahjar id-drittijiet kollha lilu testatur spettanti fl-epoka tal-mewt tieghu minn bicca raba' fl-imsemmija Qala fi Triq Wied is-Simar maghrufa "Ta' Qurdaxx" ta' xi tlett mija w'erbgha u sebghin metru kwadri jew kejl verjuri u tmiss Nofsinhar mal-imsemmija triq, Lvant ma' beni ta' Pawla Meilak, u Punent ma' beni tal-werrieta ta' Salvu Buttigieg divers mit-testatur, soggetta ghal xelin kull tlett snin.*

L-istess terz ta' din l-art ġie denunzjat fid-denunzja *causa mortis* ta' Saviour Buttigieg kopja ta' liema tinsab a fol 148 sa 150.

---

[76] Prezentat diversi drabi ohra bi ktieba aktar cara inkluz a fol 323 sa 324.

Wara dan, missier l-attriċi Carmelo Buttigieg ħalla l-wirt tiegħu kollu lil bintu, l-attriċi Rosie Buttigieg.

Hawnhekk il-Qorti tosserva li għalkemm fid-denunzja *causa mortis* ta' missierha magħmulha mill-attriċi fid-29 ta' Lulju, 2008 – a fol 131 sa 140, l-attriċi tirreferi korrettement għall-aħħar testment magħmul minn missierha, in atti jirriżultaw żewġ testmenti magħmulha minnu – kif preżentati mill-attriċi nfisha.

Dawn iż-żewġ testmenti ta' Carmelo Buttigieg huma wieħed tat-8 ta' Awwissu, 2000 in atti Nutar Maria Grima – a fol 125 sa 126, inkluż in retro paġina – u ieħor tal-10 ta' Settembru, 2002 ukoll in atti Nutar Maria Grima – a fol 138 sa 139 tal-proċess.

Kjarament, huwa l-aħħar testment li japplika, dment li ma jiġux riservati xi proviżjonijiet mit-testment preċedenti b'mod espress bi proviżżjoni apposita fl-aħħar testment.

B'dan iżda li f'dan il-każ, il-Qorti tħoss li huwa important li tislet informazzjoni mill-ewwel testment ta' Carmelo Buttigieg relattivament għall-kejl tal-art in mertu.

B'dan li fl-ewwel testment tas-suddett Carmelo Buttigieg il-kejl ta' l-art in mertu huwa kkonfermat bħala ta' 276.32 m.k., kif del retso kien applika li jirreġistra l-istess Carmelo Buttigieg mar-Reġistratur tal-Artijiet. Oltre min hekk, dan l-ewwel testment jirreferi wkoll għall-pjanta annessa mal-kuntratt ta' akkwist b'donazzjoni tal-14 ta' Jannar, 2000 in atti Nutar Maria Grima li bih it-testatur kien akkwista porzjon ieħor mill-istess art mill-poter tal-kuġini tiegħu aħwa Joseph u Rose Portelli – pjanta li tinsab in atti a fol 142 tal-proċess – annessa ma' kopja tal-kuntratt tal-14 ta' Jannar, 2000 surreferit – u li turi l-kejl identiku għal dak li jirriżulta fil-pjanta a fol 3 tal-proċess li fuqha huma msejsa t-talbiet attriċi.

Minn naħa l-oħra, it-tieni testment – a fol 138 u 139 – ta' Carmelo Buttigieg ma' jindikax wisq dettalji iżda jipprovdi biss għan-nomina ta' bint it-testatur – l-attriċi Rosie Buttigieg – bħala eredi unika u universali tat-testatur.

Huwa għalhekk ċar għal din il-Qorti li s-sehem ta' 1/3 indiviż li tnissel lill-attriċi mil-wirt tal-linja paterna tagħha huwa dak ta' 1/3 mill-art tal-kejl ta' ċirka 276.32 m.k. kif tirriżulta fil-pjanti in atti nkluż dik a fol 3 tal-proċess.

B'dan iżda li l-wirt ta' missier l-attriċi ma' kienx limitat għal dan it-terz biss stante li fil-frattemp missierha għamel akkwist ta' porzjon indiviż ieħor mill-istess art. B'dan iwassal għal kostatazzjonijiet ta' din il-Qorti rigward it-tieni sehem ta' 1/3 indiviż fl-art in mertu.

**Rigward is-sehem ta' 1/3 indiviż li ġie akkwistat minn missier l-attriċi, din il-Qorti m'għandix dubbju li dan ukoll ġie sodisfaċjentement ippruvat mill-attriċi.**

Il-Qorti hawnhekk tirreferi għall-kuntratt ta' donazzjoni tal-14 ta' Jannar, 2000 in atti Nutar Maria Grima – a fol 141 sa 142, inkluż in retro paġina, tal-proċess.

B'dan l-att missier l-attrici akkwista b'donazzjoni mill-poter tal-aħwa Joseph Portelli u Rose Muscat nee' Portelli:

> *[…] terz (1/3) indiviz jew ahjar id-drittijiet kollha talvolta spettanti lilhom mill-porzjon raba' maghrufa bhala "Ta' Qurdaxx" sive "Ta' l-Andar", fil-limiti tal-Qala, Ghawdex, tal-kejl ta' cirka mitejn u sitta u sebghin punt decimali tlieta tnejn metri kwadri (276.32 m.k.), konfinanti min-Nofsinhar ma' Triq ta' Simar, mil-Lvant ma' beni ta' Pawla Meilak, u Punent ma' beni tal-werrieta ta' Salvu Buttigieg, jew irjieh verjuri, soggetta ghal-sehemha minn hames centezmi kull tlett (3) snin cens annwu u perpetwu, altrimenti libera u franka, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha u kif ahjar murija fuq il-pjanta u site plan hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "B".*

Kif diġa osservat *supra*, din il-pjanta – li tinsab in atti a fol 142 – turi miżuri ta' kejl identiċi għal dawk li jidhru fuq il-pjanta a fol 3 tal-proċess. B'dan li dan it-tieni sehem ta' 1/3 indiviż huwa ċertament assigurat lill-attriċi bħala mnissel lilha mil-wirt ta' missierha wara li huwa akkwista l-istess in forza tal-kuntratt preċitat.

**Jibqa allura l-aħħar sehem ta' 1/3 indiviż f'din il-proprjeta' ossia l-art li tidher fil-pjanta a fol 3 tal-proċess**.

Kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenuti jippretendu li għandhom dritt fuq dan it-terz biż-żewġ partijiet it-tnejn jindikaw li tali dritt ġie għandhom bil-preskrizzjoni[77].

L-awtur tal-attriċi, missierha Carmelo Buttigieg, jinsisti fuq dan anke fl-affidavits li għamel kemm mal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tiegħu kif ukoll mal-kawzjoni li preżenta kontra r-reġistrazzjoni tal-konvenuti[78].

Il-kwistjoni li hija rinfaċċjata biha din il-Qorti rigward dan il-porzjon ta' 1/3 temani mil-fatt li sfortunatament, iż-żewġ ishma ta' 1/3 indiviż kull wieħed l-oħra li akkwistat l-attriċi tramite l-awturi tagħha u li huma issa kkonfermati minn din il-Qorti qatt ma' ġiet aċċertata l-pożizzjoni preċiża tagħhom, bl-attriċi dejjem sostniet li hija għandha l-intier tal-art li tidher fil-pjanta a fol 3 mentri l-konvenuti jinsistu li huma għandhom il-parti minnhom irreġistrata ad esklużjoni tagħha.

Il-Qorti tqis din il-kwistjoni importanti peress li hawn, rigward dan is-sehem, iż-żewġ naħat qiegħdin jinsistu li dan huma akkwistawh bil-preskrizzjoni b'dan li, sabiex wieħed jipprova akkwist bil-preskrizzjoni dan ċertament iżid jipprova l-pussess pubbliku, inekwivoku u mhux interrot għaż-żmien pretiż mil-liġi minnu tal-porzjon art li fuqha qed issir l-allegazzjoni tal-akkwiżizzjoni permezz tal-preskrizzjoni.

Hawnhekk, minkejja d-diverġenzi relattivi għall-kejl pretiż mill-attriċi – li din il-Qorti tqis sorvolati in vista tad-dikjarazzjonijiet tal-attriċi magħmulha minnha kif diġa osservat *supra* – il-Qorti ser tqis bħala l-porzjon mil-medda art li tidher fil-pjanta a fol 3 soġġetta għal preskrizzjoni allegata mill-partijiet bħala dik li tirriżulta bħala *overlap* fir-reġistrazzjonijiet magħmulha mar-Reġistratur tal-Artijiet mill-awtur tal-attriċi – missierha Carmelo Buttigieg – u dik magħmulha mil-konvenuti.

Dan mhux biss għaliex il-konvenuti ċertament li m'għandhom pretiżi fuq ebda porzjon oħra mill-art in mertu, iżda wkoll għaliex b'hekk, il-Qorti m'hi tagħmel xejn għajr li qiegħda taqbel mar-rakkomandazzjoni tar-

---

[77] l-applikazzjonijiet taghhom mar-Registratur tal-Artijiet, b'dik tal-konvenuti tinsab a fol 59 sa 61 tal-process, inkluz affidavit tal-konvenut Saviour Buttigieg a fol 60, u dik tal-awtur tal-attrici, missierha Carmelo Buttigieg, tinsab a fol 314 sa 324 tal-process.

[78] kopja ta' liema tinsab a fol 325 sa 331 tal-process bl-affidavits jinsabu wiehed a fol 320 u iehor a fol 331.

Reġistratur tal-Artijiet li t-talbiet attriċi jiġu limitati għat-tali parti li tirriżulta li hija *overlap*, inkluż peress li (i) fuq il-partijiet l-oħra rreġistrati mill-attriċi l-konvenuti ma' ivvantaw ebda dritt, u; (ii) l-attriċi nfisha qablet li jsir hekk fl-affidavit tagħha a fol 215 u 216 tal-proċess.

Magħdud dan, u għalkemm l-azzjoni odjerna tidher li hija waħda *rei vindicatoria*, u dan inkluż minn qari akkurat tat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet konvenuti, il-Qorti hawnhekk ta' bilfors trid tindaga ftit l-elementi tal-preskrizzjoni akkwisittiva vis-à-vis iż-żewġ partijiet kontendenti.

Da parti tal-attriċi, dina apparti x-xhieda tagħha u dik ta' ommha resqet erba' (4) xhieda, ossia lil; Paul Xuereb, ġar tagħha li ddepona li kien għin lilha u lil ommha jnaddfu l-art in mertu, Joseph Vella, ziju tagħha, li ddikjara li l-art in mertu dejjem jafha għand il-familja tal-attriċi, Paul Dimech, li xehed li huwa ttieħed fuq is-sit mill-attriċi sabiex jieħu xi kejl, u Grazia Falzon.

Rigward Paul Xuereb u Paul Dimech il-Qorti tqis li dawn ix-xhieda kienu biss qed jimxu fuq dak li tgħidilhom l-attriċi b'dan li Paul Dimech stess jammetti li punti fissi sabu tlieta bir-raba' ikkonstatawh mingħajr pjanti u abbażi tat-testment ta' Saviour Buttigieg tas-27 ta' Frar, 1985 in atti Nutar Giuseppe Cauchi li, kif diġa ossevrat *supra*, l-attriċi stess iddipartixxiet minnu skont id-depożizzjoni tagħha in kontro-eżami ta' nhar is-26 ta' Ottubru, 2022.

Ix-xhud Joseph Vella, bħal omm l-attriċi, mhux tant jista jitqies bħala xhud indipendenti.

Minn naħa l-oħra, hija mportanti ferm ix-xhieda ta' Grazia Falzon, mara ta' l'fuq min disgħin (90) sena li ċertament ma' jirriżultax li kellha xi raġuni ma' tgħidtx is-sewwa u li, fl-affidavit rilaxxat minnha u sottomess in atti mill-attriċi a fol 98 tal-proċess tgħid li taf lill-attriċi u familta fl-inħawi in mertu u tippreċiża li taf li missier l-attriċi kien ukoll akkwista xi porzjon art hemm mingħand l-aħwa Portelli mentri fid-depożizzjoni tagħha in kontro-eżami tal-31 ta' Awwissu, 2022 tiċċara li fl-inħawi hemm porzjon art li kienet tal-kuġin tagħha Joseph Buttigieg, żewġ Maria Antonia Buttigieg, magħruf bħala l-iskarpan, li warajh għaddiet għand il-konvenuti. Tiċċara wkoll, u b'mod relevantissimu għal kwistjoni, li din l-art għandha faċċata għat-triq.

Il-Qorti ma' tistax ukoll ma' tinnutax li tul l-andament tal-proċeduri rriżulta li l-attriċi għamlet diversi dikjarazzjonijiet fejn tat kejlijiet diversi għall-art li tippretendi, inkluż mal-Awtorita' tal-Ippjanar, fejn il-kejl ingħata minnha bħala dak ta' 367 m.k. – ref. fol 360 – applikazzjoni għal-permess għal-bini ta' ħitan tas-sejjiegħ – a kuntrarju tal-kejl ta' 276.32 m.k. dikjarat fir-rikors ġuramentat, l-istess kejl ta' 276.32 m.k. dikjarat minn missierha fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-art magħmulha minnu, u l-istess kejl maqbul minnha fl-aħħar depożizzjoni tagħha in kontro-eżami quddiem din il-Qorti wara kejl differenti – u superjuri – dikjarat minnha fl-applikazzjoni tagħha għall-ewwel reġistrazzjoni u trasmissjoni ta' reġistrazzjoni ta' art mar-Reġistratur tal-Artijiet – kopja ta' liema tinsab a fol 332 sa 340 tal-proċess.

B'dan li allura l-konvenuti jirriżultaw ferm aktar konsistenti, kif inhu ċar mid-dikjarazzjonijiet tagħhom lir-Reġistratur tal-Artijiet u fix-xhieda tagħhom quddiem din il-Qorti kemm tal-art li jippretendu bħala tagħhom u tal-kejl tagħha li konsistentement jiddkjaraw bħala ta' ċirka 166.5 m.k. – ref. applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-titolu tagħhom a fol 59, affidavit anness mal-istess a fol 60, pjanta annessa mal-istess a fol 61, u xhieda varja tagħhom.

Oltre minn hekk, ix-xhieda mressqa f'dawn il-proċeduri mill-konvenuti ikkorraboraw il-preżenza tal-konvenuti fl-art li tagħha huma jqiesu lilhom nfishom bħala proprjetarji stante l-preskrizzjoni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza ampja għad-depożizzjoni ta' Kevin Abela li anke in kontro-eżami nsista li huwa ċert li lill-konvenuti jaf hemm u mhux lill-attriċi jew l-antenati tagħha. Referenza issir ukoll għad-depożizzjoni in kontro-eżami ta' Grazia Falzon li kif diġa osservat qabel indikat li l-konvenuti ottjenew l-art in mertu mill-poter ta' kuġinuha li jiġi z-ziju tagħhom – Joseph Buttigieg, żewġ Maria Antonia Buttigieg.

Huwa risaput u konsistentement konfermat fil-ġurisprudenza nostrana li l-preskrizzjoni akkwisittiva ma' tirrikjedi la titolu u lanqas il-*buona fede*. Din tirrikjedi biss pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku u dan għaż-żmien ta' tletin sena.[79]

[79] Ara, *inter alia*, id-decizjoni moghtija mil-Qorti tal-Appell nhar il-15 ta' Marzu, 1957 fl-ismijiet ***Borg vs Farrugia nomine et***; Vol. XL1. 1.168 kif ukoll dik moghtija mil-Qortit al-Appell nhar il-31 ta' Mejju, 1996 fl-ismijiet ***Chetcuti***

Din il-Qorti tħoss li f'dan il-każ il-konvenuti rnexxilhom jipprovaw li ilhom fil-pusses tal-porzjon art minnhom reġistrata, li l-attriċi wkoll tippretendi drittijiet fuqha, u li hija sovrapposta in parte għal dik li tidher fil-pjanta a fol 3 tal-proċess, għaż-żmien rikjest mil-liġi sabiex ottjenew drittijiet fuqha bil-preskrizzjoni. U dan a preġudizzju tal-attriċi li l-prova tagħha fir-rigward ta' l-ottjeniment minnha ta' dan il-porzjon bil-preskrizzjoni ma' saritx b'mod konvinċenti aktar minn tal-konvenuti.

Magħdud dan, din il-kawża hija waħda ta' *actio rei vindicatoria* f'liema azzjoni, dment li l-parti konvenuta ma' tippretendix titolu ta' proprjeta' fuq l-art in mertu, jinkombi fuq il-parti attriċi li tipproponi l-azzjoni li tipprova b'mod konklussiv li l-proprjeta' immobbli li fuqha tippretendi xi dritt hija fil-fatt proprjeta' esklussiva tagħha, ad eskluzjoni tal-parti konvenuta.

B'dan li l-piż tal-prova anqas m'hu bħal f'azzjonijiet ċivili oħrajn ossia, fuq bilanċ ta' probabilitajiet, iżda l-oneru fuq il-parti attriċi huwa assolut. Fil-fatt, jekk il-parti konvenuta tipprova titolu dan huwa ta' ostakolu għall-azzjoni tal-parti attriċi iżda, fin-nuqqas tal-parti konvenuta f'li tipprova titolu ma' tissustiex awtomatikament it-tezi tal-parti attriċi.

Fuq dan, hemm skorta ta' kitbiet minn varji awturi kif ukoll deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani.

In suċċinct, biżżejjed jingħad li l-awturi **Baudry Lacantinerie**, li kitbu fid-dettall fuq ir-rekwiżiti tal-*actio rei vindicatoria*, jgħidu, *inter alia*:

> *Le distinzioni seguenti permettono di classificare le soluzioni consecrate dalla giurisprudenza: (1) l-attore produce un titolo e il convenuto non lo produce; (2) l-attore ed il convenuto producono l'uno e l'altro un titolo, (3) nessuna delle parti in causa areca un titolo.*
>
> *Nella teoria si afferma volentieri, che il convenuto non deve preoccuparsi della prova, che il solo attore ne ha l'onore.*[80]

---

***et vs Xerri***, ukoll dik moghtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-12 ta' April, 2002 fl-ismijiet ***Avukat Dottor Louis, Arthur et vs Joseph Gatt et***, Citazz Nru. 1219/91 DS.

[80] Trattato di Diritto Civile, Vol. VI, p. 190 – 192.

Fuq il-grad tal-prova li trid tressaq f'dan is-sens il-parti attriċi, l-istess awturi jgħidu:

*Occorre ben inteso, che i titoli prodotti dall'attore siano abbastanza chiari e precizi, e il giudice ha piena liberta di eliminare come incomplete, oscuri o dubbi, sovratutto se contengono dichiarazioni ambigue sulla designazione della cosa rivendicata.*[81]

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-28 ta' April, 2000 fl-ismijiet ***Pawlu Chircop et vs Rita Micallef et***,[82] ingħad:

*L-azzjoni ta' din ix-xorta titlob minn min jipproponiha prova djabolika fis-sens li l-attur ghandu jipprova lill hinn minn kull dubbju li huwa l-proprjetarju ta' l-immobbli li qed jirrivendika. Minn naha tal-konvenut dan m'ghandux ghalfejn javvanza l-ebda difiza jew li jipprova xi titolu fuq l-art fil-pussess tieghu sakemm l-attur ma' jkunx ipprova li hu kien il-proprjetarju.*

Il-Qrati tagħna komplew sabiex spjegaw ukoll illi:

*L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – 'melior est conditio possidentis'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez. Vol. XXIX.II.488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-pussessur konvenut'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-*

[81] Trattato di Diritto Civile, Vol. VI, p. 190 – 192.
[82] Kollezz. Vol. LXXXIV-II-155.

*anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez.XXXII.I.282; XXXIII.II.266; XXXV.I.518; XXXVII.I.105)* […].[83]

L-istess huwa ritenut mill-awtur **Pacifici Mazzoni** li iżda jżid element rigward id-diffikolta' tal-prova hekk msejħa "djabolika" meta jfisser illi:

*La proprieta'… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe dove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria…*

*L'azione rivendicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta', che e' il fondamento della sua azione. Non puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario.*

*Dove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii: actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis…*

*La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto, che ne forma l'oggetto, e' il fondamento dell'azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell'attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta' non puo' risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giustificazione del diritto dell'autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l'avesse acquistata mediante l'usucapione.*

---

[83] Ara wkoll 3 l-Appell Civili: ***Giuseppe Buhagiar v. Giuzeppi Borg***: 17.11.1958; Kollez.Vol.XLII.pt.I.p.575 u d-decizjoni moghtija nhar it- 3 ta' Gunju, 2014 fl-ismijiet ***William Portelli vs Peter Paul Portelli***, Citazz. Nru. 49/1994/1.

*Ma colla comune dei dottori si osserva da Aubry e Rau, che una prova cosi' rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta probatio diabolica. Sembra quindi che per equita' non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o piu' fondato di quello del reo convenuto. Da questo principio, che' pure sussidiato dalla presunzione della proprieta' annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole: 1. Quando l'attore produce un titolo traslativo di proprieta', consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta', purche' il suo titolo sia anteriore al possesso del reo convenuto…. 2. Quando si' l'attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta', e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e' regolata dall'anteriorita' della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi […] 3. Allorche' l'attore non produce alcun titolo a sostegno della sua domanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de' luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato….*

*Del resto la prova della proprieta' puo' farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente dove trattisi di rivendicare un dominio antico. Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali.*[84]

Rigward il-linja difensjonali li tittieħed mil-parti konvenuta, ġie ribadit li:

*Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li l-konvenut ikun qed jippossediha.*

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrinċjarja ruħu wara l-barriera ta' pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu*

[84] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884; Vol.III. Para. 131-134, p. 207 et seq.

*tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu.*[85]

Applikati dawn il-prinċipji dottrinali u l-ġurisprudenza, fil-każ *de quo,* l-attriċi bdiet billi ddikjarat li l-art in mertu u li tidher fil-pjanta a fol 3 tal-proċess hija tagħha fl-intier tagħha mentri l-konvenuti laqgħu bl-eċċezzjonijiet li l-attriċi għandha tipprova t-titolu vantat minnha u li, f'kull każ, huma ilhom u għadhom fil-pussess tal-porzjon tal-art li rreġistraw mar-Reġistratur tal-Artijiet.

B'dan li għalhekk kien jinkombi fuq l-attriċi li tipprova d-dominju tagħha li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ipprovatu sodisfaċjentement fil-konfront ta' 2/3 mil-art *de quo* iżda mhux rigward l-aħħar 1/3.

Huwa minnu li aktar tard, u mil-provi in atti, jirriżulta li l-konvenuti wkoll ivvantaw titolu fuq dik il-parti tal-art in mertu li fuqha hemm *overlap* fir-reġistrazzjoni magħmulha minnhom u dik magħmulha minn missier l-attriċi mar-Reġistratur tal-Artijiet.

B'dan iżda li din il-Qorti trid tistrieħ u tagħti d-deċiżjoni tagħha skont it-talbiet u l-eċċezzjonijiet avvanżati quddiemha, kif sorretti mil-provi sottomessi mil-partjiet, u, kif diġa osservat *supra*, din il-Qorti tqis il-provi u x-xhieda miġjuba mil-konvenuti rigward l-akkwiżizzjoni tagħhom bil-preskrizzjoni bħala ferm aktar konsistenti u għalhekk konvinċenti minn dawk prodotti mill-attriċi.

Hawnhekk, il-Qorti tagħmel ukoll aċċenn għad-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti ta' l-Appell nhar is-27 ta' Ottubru, 2017 fl-ismijiet ***Giovanna Schembri vs Mary Cachia et*** fejn ġie ritenut li:

*F'dan il-kuntest, "minhabba li f'xi kazijiet ikun impossibbli li wiehed juri titolu originali, sa minn dejjem gie moghti lir-rivendikant id-dritt li jipprova titolu ahjar minn dak tal-parti mharrka. Fi kliem iehor, meta l-kriterji rigoruzi tal-azzjoni rivendikatorja ma' jistghux jitwettqu ghar-rigward tal-piz tal-prova tat-titolu, l-attur jinghata l-jedd li jipprova titolu ahjar minn tal-parti mharrka. Din l-azzjoni hija maghrufa bhala l-actio publiciana (in rem), li hija azzjoni reali ta' ghamla petitorja fejn is-sahha tat-titolu huwa mkejjel inter partes u mhux bhal fil-kaz ta' azzjoni rivendikatorja vera u*

[85] Ara d-decizjoni moghtija mil-Prim'Awla nhar is-16 ta' Mejju, 1963, fl-ismijiet ***Giuseppi Abela vs John Zammit***.

*proprja, erga omnes. Huwa rimedju li l-Qrati taghna tawh gharfien, ukoll fil-qafas ta' azzjoni ta' rivendika ta' sid minn idejn haddiehor" (Frank Pace v. Kummissarju tal-Artijiet, Prim'Awla, 19 ta' Frar 2002).*

Fuq vena simili hija d-deċiżjoni mogħtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Ġunju, 2003 fl-ismijiet ***Testaferrata Bonnici et vs Montanaro*** fejn ġie ritenut:

*Din il-prova tad-dominju tista ssir mhux biss permezz ta' titolu izda anke bi kwalsiasi mezz iehor. "In difetto di un titolo l'attore e ammesso a provare il suo dominio con qualunque altro mezzo permesso dalla legge" (Vol. VII p 390; Vol. II p 893). Hija allura permessa skond il-parir awtorevoli tal-Fadda (paragrafu 341) anke prova kongetturali jew semplici presunzjoni in kwantu "non occorre quindi che l-attore giustifichi in modo pieno il da lui vantato dominio, ma basta che fornisca argomenti prevalenti a quello del suo avversario."*

B'dan l-istess ħsieb, u jekk għandha tittieħed il-pożizzjoni li minkejja l-eċċezzjonijiet tagħhom, tul il-proċeduri l-konvenuti ħadu pożizzjoni diversa fejn ivvantaw titolu mhux biss pussess b'dan li allura jinkombi fuqhom li jġiebu prova aħjar minn tal-attriċi, kif intqal, rigward 1/3 mil-proprjeta' kull parti allegat il-preskrizzjoni iżda l-parti konvenuta hija, fil-fehma ta' din il-Qorti, aktar kredibbli fl-argumenti tagħha u baqgħet konsistenti fix-xhieda miġjuba minnha kemm rigward il-kejl tal-art reklamata minnha kif ukoll rigward il-pożizzjoni tal-istess.

Il-Qorti ma' tinsiex ukoll li f'sens ta' prova ta' titolu aħjar,[86] huwa ċar li l-konvenuti rreġistraw il-jedd tagħhom ghall-art pretiża minnhom qabel l-awtur tal-attriċi – missiera – bl-awtur tal-attriċi stenna għal ben sitt (6) snin qabel ħa xi passi rigward dan.

Infatti, eżaminati l-proċeduri meħudha mil-partijiet mar-Reġistratur tal-Artijiet kif jirriżultaw ampjament mid-dokumenti annessi man-nota tal-attriċi a fol 212 sa 214 tal-proċess jemanu s-segwenti fatti:

i. L-ewwel applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' art li laqtet ukoll dik in mertu kienet dik numru LRA(G)335/99 – fol 298 sa 302 –

[86] Ref. *inter alia*, id-decizjoni moghtija mil-Qorti ta' l-Appell nhar l-1 ta' Dicembru, 2021 fl-ismijiet ***Mark Napier vs Andre Bianchi*** u dik moghtija mill-istess Qorti ta' l-Appell nhar it-12 ta' Jananr, 2001 fl-ismijiet ***Arthur Komall et vs Francis Borg et***.

magħmulha fl-4 ta' Ġunju, 1999 minn Emanuel Buttigieg, ziju tal-attriċi, liema reġistrazzjoni ġiet sussegwentement irtirata bl-applikazzjoni numru LRA(G)20/2000 – fol 303 sa 305 kif anke xehed il-konvenut Joseph Buttigieg.

ii. It-tieni applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-inħawi kienet dik numru LRA(G)75/2000 li saret mil-konvenuti fit-2 ta' Frar, 2000 – fol 59 sa 61.

iii. It-tielet applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fl-inħawi kienet dik numru LRA(G)409/2000 li saret minn missier l-attriċi, Carmelo Buttigieg, fis-6 ta' Ġunju, 2000 fejn applika sabiex jirreġistra 276.32 m.k. ta' art liema kejl kien in parte jkopri wkoll l-art preċedentement irreġistrata mil-konvenuti. Bħala titolu ddikjara 1/3 mixtri mingħand l-aħwa Portelli, 1/3 wirt mingħand missieru, u 1/3 ottjenut bil-preskrizzjoni kif deskritt hawn aktar 'il fuq – fol 314 sa 324.

iv. Fl-14 ta' Ġunju, 2000 ir-Reġistratur tal-Artijiet kiteb ittra fejn informa lin-Nutar Maria Grima li għamlet l-applikazzjoni għan-nom ta' missier l-attrici bl-*overlap* mal-applikazzjoni preċedenti LRA(G)75/2000 u bl-opzjonijiet miftuħa għall-applikant – Carmelo Buttigieg – fol 311.

v. Mill-atti ma' jirriżulta li sar xejn min dakinhar għajr fl-2006 meta fit-30 ta' Awwissu, 2006 Carmelo Buttigieg tramite avukat ta' fiduċja tiegħu bgħat ittra lir-Reġistratur tal-Artijiet jgħid li mentri huwa bgħat dokumentazzjoni varja, il-persuni reġistrati qablu – ossia l-konvenuti preżenti – straħu biss fuq affidavit – fol 309.

vi. Ir-Reġistratur tal-Artijiet irrisponda għal din l-ittra fl-1 ta' Settembru, 2006 fejn indika li kemm Carmelo Buttigieg kif ukoll il-persuni reġistrati qablu straħu in parti sostanzjali fuq affidavit li jindika l-akkwiżizzjoni ta' porzjon art bil-preskrizzjoni. Ir-Reġistratur żid jgħid li Carmelo Buttigieg ippreżenta kuntratti biss għal 2/3 indiviżi b'dan li ddikjara li huwa ma' jistax jieħu deċiżjoni definittiva – fol 308.

vii. Ukoll fl-2006 Carmelo Buttigieg għamel kawzjoni fuq l-applikazzjoni LRA(G)75/2000 li tkopri 166.5 m.k. mil-art *de quo* – fol 325 sa 331.

viii. Wara dan seħħet l-applikazzjoni tal-attriċi in parte għall-ewwel reġistrazzjoni u in parte għal trasmissjoni tat-titolu reġistrat fuq missierha – fol 332 sa 340. Din l-applikazzjoni hija dik numru LRA(G)1100/08, li sarte fil-25 ta' Awwissu, 2008 u biha l-attriċi talbet reġistrazzjoni u trasmissjoni ta' porzjon art akbar min dik li fuqha applika missierha u li kienet tinkorpora dik reġistrata mil-konvenuti b'dan li talbet reġistrazzjoni ta' medda ta' 374 m.k. kontra l-276.32 li kien applika fuqha missierha.

Hawnhekk l-attriċi rreferenzjat id-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' missierha li saret b'kuntratt tad-29 ta' Lulju, 2008 in atti Nutar Maria Grima – fol 335 sa 339. F'dan il-kuntratt l-art *de quo* hija deskritta bħala tal-kejl ta' ċirka 374 m.k – ref para. 15 tad-dikjarazzjoni. Dan il-punt diġa ġie diskuss hawn aktar 'il fuq.

Il-Qorti hawnhekk ma' tistax ma' tosservax li għalkemm l-awtur tal-attriċi – missierha – kien jaf bil-kwistjoni tar-reġistrazzjoni minn terzi – il-konvenuti – ta' porzjon mill-art minnu meqjusa bħala tiegħu sa mis-sena 2000 – ref. l-ittra tar-Reġistratur tal-Artijiet a fol 311; huwa ħa biss passi ben sitt (6) snin wara, u dan kif jevidenzjaw l-ittri li ntbagħtu bejn ir-Reġistratur tal-Artijiet u r-rappreżentanti ta' missier l-attriċi a fol 311 u 310 tal-proċess. B'dan allura, anke hanwhekk, għal darb'oħra tirriżulta aktar verosimili l-pożizzjoni tal-konvenuti li l-porzjon art minnhom rreġistrata bħala tagħhom hija fil-fatt tagħhom.

Il-Qorti tosserva wkoll li l-attriċi tinsisti, kemm fil-linja ta' domandi posti lill-konvenuti waqt il-kontro-eżamijiet tagħhom kif ukoll fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħha, li peress li l-antenat tal-konvenuti Joseph Buttigieg, żewġ Maria Antonia Buttigieg, li l-konvenuti jaqblu li l-art ġejja mingħandu jidher – inkluż mill-atti voluminużi tal-kawżi numru 118/1991, 132/1991, u 13/1992 li tagħhom ġew eżebiti kopji formali f'din l-istanza mill-attriċi – li f'jum mewtu bħala assi kellu biss id-dar numru 17, Triq San Frangisk, Qala – ref fol 272, fol 283, fol 288 u fol 291 tal-proċess – mentri fit-testmenti tiegħu a fol 264 sa 267 u 268 sa 270 ħalla biss diversi legati ta' flejjes, mela allura l-konvenuti ma' setgħux wirtu

mingħandu l-art li huma rreġistraw f'isimhom u li hija tgħid li tifforma parti mill-art tagħha.

B'dan iżda li din il-Qorti tosserva li l-fatt li f'dawn l-atti ta' Joseph Buttigieg żewġ Maria Antonia Buttigieg li jirrisjalu għal 1975 u l-1986 ma' tissemmiex il-porzjon art reġistrata mill-konvenuti ma jfissirx li din ma' kienitx fil-pussess tagħhom kif anke kkonfermat konsistentement mix-xhieda tagħhom u dik tat-terżi diġa eżaminata fid-dettal hawn aktar 'il fuq. Tant dan huwa minnu li anqas id-dar li jirriżulta li kienet tal-istess Joseph Buttigieg ma' tissemma fit-testmenti magħmulha minnu iżda dan jidher li kien sempliċiment għaliex huwa xtaq li l-assi kollha tiegħu jinbiegħu u mir-rikavat jitħallsu l-varji legati ta' flejjes li ħalla.

Il-Qorti tosserva wkoll li nfatti, fl-applikazzjoni tagħhom għar-reġistrazzjoni tal-porzjon art reklamata minnhom, il-konvenuti qatt ma' ddikjaraw li wirtu l-istess iżda ddikjaraw li akkwistaw l-istess bil-preskrizzjoni – ref fol 59 u 60.

Finalment, il-Qorti tosserva wkoll li fin-nota tal-osservazzjonjiet finali tagħha l-attriċi tagħmel diversi allegazzjonijiet rigward il-legalta' jew *buona fede* fil-pussess mill-konvenuti ta' l-art reklamata minnhom u konsegwenzjalment il-perkors validu o meno tat-terminu tal-preskrizzjoni akkwisitiva a favur tagħhom. Dan tagħmlu b'referenza għal fatt li fix-xhieda mogħtija minn Grazia Falzon issemma l-ħlas ta' ċnus fuq xi art fl-inħawi b'dan li l-ħlas ta' ċens iwassal għal titolu prekarju.

Il-Qorti hawnhekk mhix ser tikkumenta fit-tul għajr li tgħid li bl-istess mod, jekk l-art li fuqha tippretendi jedd l-attriċi wkoll bl-applikazzjoni tal-preskrizzjoni hija l-istess art li fuqha jippretendu jedd il-konvenuti, mela allura l-istess argument miġjub mill-attriċi f'dan ir-rigward ikollu japplika wkoll kontriha. B'dan li din il-Qorti trid iżżomm mal-prinċipju ben assodat f'kawża *rei vindicatoria* li; *'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-pussessur konvenut'*.

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt

illi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tal-kjamat fil-kawża r-Reġistratur tal-Artijiet kif konsistenti ma dak hawn taħt premess;

i. Tilqa′ l-ewwel talba attriċi limitatament għal dik il-parti mill-art li tidher fuq il-pjanta a fol 3 tal-proċess ad esklużjoni tal-parti li tiġi *overlap* magħha kif tidher fuq il-pjanta a fol 61 tal-proċess;
ii. Tiċħad il-kumplament tat-talbiet attriċi;
iii. Tilqa′ t-tieni eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża b′dan li l-ispejjeż kollha relattivi għal-kjamat fil-kaważ jkunu kif ser jiġi dispost hawn aktar l-isfel fil-kap ta′ l-ispejjeż b′dan li ssir referenza wkoll għad-depożitu li sar mill-attriċi permezz tan-nota tagħha a fol 192 tal-proċess.

Bl-ispejjeż ta′ din il-kawża a karigu ta′ l-attriċi.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur